IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru12 (tnax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-26 ta' Mejju, 2025, fl-4pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**12.1. Item Nru 12.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

12.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.10pm u kulħadd kien preżenti.

**12.2 Item Nru. 12.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

12.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**12.3 Item Nru. 12.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku qal li l-magna tal-BCRS issa bdiet taħdem u kull ma kien hemm ilment li raw xi ġurdien fil-viċinanzi. Il-bqija kollox sew. Dwar l-appell bqajna ma smajna xejn iktar.

12.3.2 Is-Sindku qal li dwar iċ-ċint ta' Triq l-Awrat issa tajnihom isem ta' Project Supervisor li huwa akkreditat mil-OHSA.

12.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Attivitajiet tal-Milied ta' din is-Sena u li qed naħdmu fuq l-applikazzjoni. Is-Sindku ipprezenta draft tal-applikazzjoni u kulħadd qabel.

Apparti hekk huwa kompla u qal li l-applikazzjoni tal-iskema attivitajiet għas-Sajf ġiet approvata u ser ikollna 17,000 a disposizzjoni sabiex intellgħu Xtajta Tlellex għal din is-sena li ser issir nhar is-26 ta' Lulju.

12.3.4 Is-Sur Attard qal l-Gym ser jiftaħ din il-ġimgħa għaliex permezz tal-arblu li kellna nagħmlu issa ser jiġi mgħoddi d-dawl temporanju. L-ispiża biex ikun jista jiġi mgħoddu dan id-dawl saret mil-Kunsill. Dawn jiżdiedu wkoll mal-problema li kien hemm li qed jidħol l-ilma mil-ħwat u kelna nsolvuha bil-fondi tal-Kunsill għaliex kien ser jikkawza ħafna ħsara.

Is-Sindku qal li jekk hemm atleti mix-Xgħajra intitolati għal 4 siegħat b'xejn fil-ġimgħa kif ukoll residenti mix-Xgħajra intitolati għal 25% rofs mil-prezz originali.

Is-Sindku qal li ser ikollna wkoll il-lista ta' min japplika mix-Xgħajra biex inkunu nafu kif sejrin u jkollna rekord.

12.3.5 Is-Sindku qal li fuq il-paddle court għad m'hemmx aġġornament, qed nistennew il-pjanta mil-Perit.

12.3.6 Is-Sur Attard qal li il-proposta tal-paddle court għaddejniha l-perit sabiex jiddisinja l-pjanta.

12.3.7 Is-Sindku qal li dwar l-art ta' fejn in-nursery ma hemmx aġġornamenti u ser jieħu r-responsabilta li jitlob li jitwaqqaf is-servizz tad-dawl u l-ilma. Dan wara li sirna nafu li fin-nursery qed jorqdu wkoll xi players barranin u anke bin-nisa tagħhom u il-kont tad-dawl tela' -il fuq minn €2,500 u Xgħajra Tornados mhux iħalsuh.

12.3.8 Is-Sindku qal li sar xogħol ta' cameras ġodda fi Triq il-Knisja l-parti l-antika specjalment minħabba l-problema tal-ħruġ tal-iskart mhux fil-ġurnata.

Il-Camera ta' Triq it-Torri ta' Alof De Wignacourt, fid-daħla tax-Xgħajra twaħħlet u qed taħdem ukoll pero għalissa biex naċċessawa rridu mmorru taħta minħabba li għada mhux imqabbda bl-internet.

12.3.9 Is-Sur Attard qal l-monument tal-Ħelsien ser ingibu stima mingħand kuntrattur privat għaliex bil-ħaddiema bħalissa għandna ħafna xogħol ieħor.

12.3.10 Is-Sindku qal li x-xogħol taż-żebgħa, *refreshing,* miexi wkoll u bdejna xi toroq.

12.3.11 Is-Sindku qal li ġibna stimi biex issir il-qoxta tal-bricks fi Triq il-Fortizza tal-Grazza li mbgħad fuqu ser jeħel ir-railing u b'hekk inkunu nistgħu inneħħu l-ġebel il-kbar li hemm fuq il-bankina. Apparti li ser jissebbaħ il-post ser jerġa' jingħata l-aċċess sħieħ tal-bankina wara ħafna snin.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR121210 – Malta
Tel: 2161232612
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

12.3.12 Is-Sindku qal li avviċinawna xi nies biex norganizzaw tberik tal-annimali nhar it-8 ta' Ġunju fix-Xgħajra din l-attivita ser issir fejn l-iskola mit-8.15 -il quddiem. Il-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja kukkarda bħala tifkira tal-okkażjoni. Din ser tiġi tiswa €1.50 kull kukkarda.

12.3.13 Is-Sindku qal li bħal ma nagħmlu kull sena l-Kunsill ser ikun qed jikkollabora mal-iskola biex nagħtu awguri lil dawk it-tfal tas-sitt sena li jkunu ser jispiċċaw mil-iskola tax-Xgħajra. Aktar dettalji ser ikollna fil-laqgħa li jmiss.

12.3.14 Is-Sindku ippropona li bħal ma għamilna dawn l-aħħar snin nerġgħu norganizzaw mawra għal Kemmuna bl-ikel inkluż. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

**12.4 Item Nru 12.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

12.4.1 Is-Sur Mifsud tkellem fuq il-permess ta' trenching li hemm mil-Enemalta f'Dawret ix-Xatt u qal li hu jemmen li dan il-permess m' għandux jiġi approvat issa minħabba li ġej is-Sajf u max-xatt diga jkollna problema ta' parkeġġ. Kulħadd wabel li nagħmlu din l-oġġezzjoni tagħna.

12.4.2 Is-Sur Mifsud qal li għandna xi tabelli msaddin u tajjeb li nibdluhom. Is-Sindku qal li t-tabelli li qed nibdlu qed isiru tal-PVC u dawn ma jissaddux.

12.4.3 Is-Sur Mifsud issuġġerixxa biex naraw kif nistgħu nagħmlu funtana tal-klieb sabiex ikunu jistgħu jixorbu minnha. Is-Sindku qal li ser inkellmu l-perita tal-Wasteserv li qed tieħu ħsieb il-proġett u naraw hux possibbli.

12.4.4 Is-Sur Mifsud staqsa meta ser jitwaħħlu s-slielen is-Sindku qallu li ser jitwaħħlu fil-ġranet li ġejjin.

12.4.5 Is-Sur Michael Mifsud issuġġerixxa biex meta nagħtu l-permessi tal-caravans nassiguraw li navzawhom sabiex ma jħallux muturi għaddejin u wara ċertu hin intefa s-sound ukoll b'rispett tar-residenti. Inżommu f'moħna li l-art hija pubblika u ħadd ma jista jikkapparra.

12.4.6 Is-Sa. Borg sqatsiet jekk il-laqgħa tistax tibda ssir fl-4.30pm minflok fl-4pm. Kulħadd qabel.

12.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu d-dawl tal-widna bl-aħmar minħabba tad-donazzjoni tad-demm. Kulħadd qabel u li ser nagħmlu wkoll tar-roundabout.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR121210 – Malta
Tel: 2161232612
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

12.4.8 Is-Sa. Doris Borg qalet li l-lezzjonijiet tal-privat ser jibdew isiru kull nhar ta' Sibt u min ma jkun jista jiġi l-Ħamis jew il-Ġimgħa.

12.4.9 Is-Sa. Doris issuġġeriet sabiex issir U-bar fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja l-parti ta' isfel fuq il-lemin. Kulħadd qabel ma' dan u ser issir fil-ġimgħat li ġejjin.

12.4.10 Is-Sur Raymond Duncan ippropona li nibgħatu ittra lis-soċjetajiet tal-lokal sabiex ma jkollnix attivitajiet li jaħbtu flimkien. Kulħadd qabel u f'każ li dawn ser jipproponu kollaborazzjoni mal-Kunsill iridu ikun hemm avviż bil-miktub sitt (6) ġimgħat qabel.

12.4.12 Is-Sur Duncan tkellem fuq il-palm ta' Fort Park u qal li għadhom ma nżabrux. Is-Sindku qal li ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin għax għadu ma sabx kuntrattur.

12.4.12 Is-Sur Duncan staqsa dwar tank tal-ilma li hemm fil-Fort Park u s-Sindku qallu li dak ser ikun qed jissuplixxi r-roundabout bis-sistema tal-*irrigation*.

12.4.13 Is-Sur Duncan staqsa jekk għandnix ħaddiem tal-komunita. Dan wara li fuq l-aħbarijiet tħabbar li fix-Xgħajra ma għandnix ħaddiema tal-Komunita. Is-Sindku qallu li jekk qed jirreferu għal ħaddiema tal-Community Workers Scheme għandna 14 pero jekk ħaddiema li jagħmlu servizz fil-komunita ma' għandnix.

12.4.14 Is-Sa. Antonia Buttigieg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu xi fjuri fil-Belveder. Is-Sindku qal li l-ewwel ħa nirranġaw il-bir u l-importanti li nkunu ċeri li ma jerġax jikkawżaw ilma fis-sala ta' isfel.

12.4.15 Is-Sa. Buttigieg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu dawl maż-żebra crossing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li ser nagħmlulha dawn jaħdem bix-xemx.

12.4.16 Is-Sa Buttigieg staqsiet dwar is-sleeping police ta' Triq it-torri t'Alof De Wignacourt. Is-Segretarju qallha li tlabna l-approvazzjoni m'għand TM.

12.4.17 Is-Sa Buttigieg staqsiet jekk nistgħux inżidu parking fi Triq Karmelo Ritchie faċċata ta' San Souci court fejn hemm biċċa bil-ħamrija. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja dwarha u nitkellmu l-quddiem.

12.4.18 Is-Sa. Buttigieg qalet li qed ikollna ħafna żmieġ tal-klieb fil-bandli. Is-Sindku qal li għandna l-cameras pero tkun trid taqbadhom fil-fatt.

**12.5 Item Nru. 12.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

12.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

IX-XGĦAJRA

**12.6 Item Nru. 12.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

12.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**12.7 Item Nru. 12.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

12.7.1 Pagamenti b'numru 11 ġew approvati unanimament.

**12.8 Item Nru. 12.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

12.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**12.9 Item Nru. 12.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju fl-4.30pm

_________________________ _________________________

Ranier Busuttil — Neil Attard

Segretarju Eżekuttiv — Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR121210 – Malta
Tel: 2161232612
E-Mail xghajra.lc@gov.mt